2023

# ĦARSA LEJN IL-BEI



Bank Ewropew tal-Investiment

**Ħarsa lejn il-BEI**

**© Il-Bank Ewropew tal-Investiment, 2023.**

98 -100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
info@eib.org
www.eib.org
twitter.com/eib
facebook.com/europeaninvestmentbank
youtube.com/eibtheeubank

Kull dritt riżervat
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil
publications@eib.org

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org
Tista' tikkuntattjana wkoll fuq info@eib.org. Irċievi l-bullettin elettroniku tagħna fuq www.eib.org/sign-up

Il-forza tan-natura hija tassew fenomenali. Matul l-istorja, in-nies beżgħu mill-maltempati, l-għargħar, in-nixfiet, u l-iżbroffi kkawżati minnha. F'dan iż-żmien kritiku, qed nirrealizzaw li jekk irridu negħlbu l-isfidi tat-tibdil fil-klima kkaġunat mill-azzjonijiet tagħna, jeħtieġ li minflok inkunu f'armonija man-natura u nisfruttaw l-enerġija tagħha. Aktar minn nofs l-investimenti tal-Bank Ewropew tal-Investiment illum qed isiru fir-rigward tal-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali. Il-prijorità tagħna hija li niffinanzjaw it-tranżizzjoni ekoloġika għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli mħaddma min-natura, mill-enerġija ġeotermali għall-enerġija idroelettrika u l-enerġija mir-riħ. Huwa għalhekk li qed inpoġġu dawn il-forzi naturali fuq il-qoxra tar-rapporti ewlenin tagħna din is-sena.

© Krediti tar-ritratti: EIB, Eggtronic, Anaconda Biomed, GettyImages, Shutterstock.

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
Stampat fuq Karta FSC®.

pdf: QH-04-22-272-MT-N ISBN 978-92-861-5485-0 doi: 10.2867/685

# ĦARSA LEJN IL-BEI

Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) huwa l-bank tal-Unjoni Ewropea. Aħna l-akbar istituzzjoni finanzjarja multilaterali fid-dinja u wieħed mill-akbar fornituri ta' finanzjament għal azzjoni klimatika.

Sa mit-twaqqif tiegħu fl-1958, il-BEI investa aktar minn triljun ewro fi proġetti fl-Ewropa u f'pajjiżi madwar id-dinja kollha. Filwaqt li l-azzjoni klimatika hija parti minn dak kollu li nagħmlu, l-attivitajiet tagħna jiffokaw fuq l-oqsma ta' prijorità li ġejjin: il-klima u l-ambjent, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-ħiliet, in-negozji ta' daqs żgħir u medju, l-infrastruttura u l-koeżjoni.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment, li jagħmel parti mill-Grupp tal-BEI, jispeċjalizza fl-appoġġ ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju b'finanzjament għal negozji ġodda, it-tkabbir, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-impjiegi u l-iżvilupp reġjonali.

Il-BEI jaħdem ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE biex irawwem l-integrazzjoni Ewropea, jippromwovi l-iżvilupp fl-Unjoni Ewropea u jappoġġja l-politiki tal-UE. Din il-ħidma tmur lil hinn mill-Ewropa: Il-BEI huwa attiv f'aktar minn 160 pajjiż u jtejjeb miljuni ta' ħajjiet kull sena fi ħdan l-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja.

L-interkonnettività ilha fil-qalba tal-ħidma tal-BEI matul l-istorja tagħna. Madwar l-Ewropa kollha, l-investiment tal-BEI jgħaqqad flimkien il-pajjiżi tal-UE. Permezz ta' BEI Globali, li ġiet imwaqqfa fl-2022 biex jiżdied l-impatt tal-finanzjament tagħna għall-iżvilupp, aħna ngħinu nindirizzaw sfidi globali u noħolqu tkabbir u opportunitajiet fil-kontinenti kollha.

Fi żmien meta hemm dubji dwar il-valur tal-multilateraliżmu, il-ħidma tal-BEI sservi bħala tfakkira kostanti tal-qawwa tal-isforzi integrati Ewropej.



Bl-imxija tal-COVID-19, id-dinja affaċċjat emerġenzi immedjati relatati mas-saħħa u mal-ekonomija. Kien hemm bżonn urġenti li jinstab vaċċin u soluzzjonijiet biex it-tixrid tal-virus ikun limitat. Il-BEI ffinanzja l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-vaċċini tal-COVID-19 u ta appoġġ sostanzjali għal miżuri tal-kura tas-saħħa oħrajn kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. Il-Grupp tal-BEI kkontribwixxa wkoll b'mod sinifikanti għall-miżuri tal-UE biex jitrażżnu l-effetti ekonomiċi tal-kriżi fuq in-negozji u l-ekonomija Ewropej.

Hekk kif il-kriżi tal-COVID-19 bdiet ittaffi, ir-Russja invadiet lill-Ukrajna, li qajmet kriżi globali ġdida. Bħala parti minn rispons internazzjonali għall-kriżi, il-Bank immobilizza appoġġ finanzjarju permezz tal-Pakkett ta' Solidarjetà tal-BEI għall-Ukrajna biex jgħin lill-pajjiż jilħaq bżonnijiet urġenti. Barra minn hekk, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-BEI qed jaħdem biex jipprovdi aktar finanzjament sabiex jgħin lill-gvern isostni servizzi pubbliċi kritiċi għan-nies li baqgħu fl-Ukrajna.

Bħala l-akbar sellief multilaterali fid-dinja, il-BEI jgħin lill-ekonomiji jiffjorixxu, u b'hekk joħolqu l-impjiegi u jippromwovu l-ugwaljanza u s-sostenibbiltà. Aħna naħdmu ma' msieħba fis-settur pubbliku u l-privat u nkejlu s-suċċess tagħna b'kemm il-ħidma tagħna tgħin lis-soċjetà u ttejjeb il-ħajja għan-nies li jesperjenzawha.

L-investimenti tal-BEI qed jappoġġjaw b'mod attiv it-tranżizzjoni ekoloġika. Bħala l-bank tal-UE għall-klima, il-BEI qed jgħin biex jiġu sodisfatti l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi — it-trattat internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima — u l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tal-azzjonijiet tiegħu madwar id-dinja. Aħna wegħedna s-somma ta' €1 triljun f'investiment għall-klima u s-sostenibbiltà ambjentali matul id-deċennju li ġej.

# L-IMPATT TAGĦNA FL-2022

**€260 biljun**

f'investiment appoġġjat minn attivitajiet tal-BEI

**€4.9 triljuni**

f'investiment ġenerali mobilizzat

**€72.45 biljun**

f'finanzjament tal-Grupp tal-BEI

**€36.5 biljun**

f'investimenti ekoloġiċi

**€44.28 biljun**

miġbura fis-swieq tal-bonds

**€14.11-il biljun**

f'finanzjament għal negozji iżgħar

**€18.72-il biljun**

f'finanzjament għall-enerġija sostenibbli u r-riżorsi naturali

**€15.52-il biljun**

biex tingħata spinta lill-innovazzjoni, il-kapital diġitali u l-kapital uman

**5.3 miljuni***

impjiegi sostnuti f'negozji żgħar

* Iċ-ċifri huma relatati ma' SMEs/kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li bbenefikaw mill-appoġġ tal-BEI fl-2022 jew mill-appoġġ tal-FEI bejn Ottubru 2021 u Settembru 2022 bħala riżultat tal-operazzjonijiet iffirmati ma' intermedjarji sat-tmiem tal-2022.

## Il-finanzjament tal-BEI fl-2022 kien €65.15 biljun, inklużi €10.82 biljuni f'attività ta' BEI Globali *

**25.4 miljun**

persuna b'ilma tajjeb għax-xorb aktar sigur

**8.5 miljuni**

unitajiet domestiċi li qed jiġu pprovduti bl-enerġija elettrika

**17-il miljun**

persuna li jibbenefikaw minn infrastruttura mtejba

**6.6 miljuni**

abbonati ġodda b'servizzi 5G attivati

**570.1 miljun**

vjaġġ addizzjonali bit-trasport pubbliku

**234 700**

ruħ li qed jaffaċċjaw tnaqqis fir-riskju ta' għargħar

**15 800 MW**

ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, 100% minn enerġija rinnovabbli

**3.1 miljuni**

Refuġjati Ukreni f'ċentri ta' akkoljenza jew faċilitajiet ta' akkomodazzjoni temporanja

**150.4 miljun**

persuna li jibbenefikaw minn servizzi tas-saħħa mtejba, inklużi vaċċini tal-COVID-19

* Il-finanzjament totali tal-Grupp tal-BEI barra mill-Unjoni Ewropea jinkludi — flimkien ma' BEI Globali — proġetti mill-FEI barra mill-Unjoni Ewropea u proġetti tal-BEI fl-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.


kraine

# APPOĠĠ GĦALL-UKRAJNA

Il- Bank Ewropew tal-Investiment jappoġġja lill-awtoritajiet Ukreni u l-poplu tal-Ukrajna. Jappoġġja Ukrajna indipendenti.

Bħala parti minn rispons koordinat tal-UE u rispons internazzjonali għal din il-kriżi, il-Bank immobilizza appoġġ finanzjarju permezz tal-Pakkett ta' Solidarjetà tal-BEI għall-Ukrajna biex jgħin lill-gvern jilħaq bżonnijiet ta' likwidità urġenti. Barra dan, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-BEI qed jaħdem biex jipprovdi aktar finanzjament biex il-gvern Ukren ikun jista' jkompli jipprovdi servizzi pubbliċi kritiċi għan-nies li baqgħu fil-pajjiż, sabiex jiġi żgurat li l-ikel, il-provvisti mediċi u l-fjuwil jibqgħu disponibbli, filwaqt li jappoġġja t-trasport, l-enerġija, l-iżvilupp urban u l-proġetti diġitali. Fl-2022 ġew approvati żewġ pakketti ta' finanzjament maġġuri:

- L-ewwel pakkett ta' €668 miljun ftit wara li bdiet il-gwerra, biex ikun ta' għajnuna għall-gvern sabiex iħallas bżonnijiet urġenti.
- It-tieni pakkett ta' €1.59 biljun għat-tiswija ta' infrastruttura bil-ħsara u t-tkomplija ta' proġetti kritiċi, li ġie ffirmat f'Lulju 2022. Ftit aktar minn €1 biljun minn dan il-pakkett ġew żborżati sabiex jgħinu lill-pajjiż isewwi toroq, pontijiet u linji tal-ferrovija bil-ħsara.

L-Istitut tal-BEI, il-fergħa soċjali u kulturali tal-bank tal-UE, offra wkoll €2.5 miljuni f'għajnuna umanitarja lill-Ukreni affettwati mill-gwerra. Il-Bank għen jagħti skop ġdid lis-somma ta' €59 miljun bħala għotjiet għat-tiswija ta' ferroviji u linji tal-ferroviji fl-Ukrajna, għall-installazzjoni ta' pontijiet temporanji li ġew meqruda mill-gwerra, u għat-titjib tal-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni għal nies li kienu mġiegħla jaħarbu mid-djar tagħhom.

Il-Bank offra wkoll għotjiet b'valur ta' madwar €18-il miljun lill-Ukrajna mill-Fond Fiduċjarju tal-Assistenza Teknika tas-Sħubija tal-Lvant bħala għajnuna lill-komunitajiet biex jieħdu ħsieb madwar 700 000 ruħ li ħarbu minn djarhom. Il-fond tas-sħubija huwa appoġġjat mill-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Renju Unit. Il-BEI qed ikompli jaħdem mal-imsieħba Ewropej biex jesploraw possibbiltajiet oħrajn biex jappoġġjaw lill-Ukrajna u lir-refuġjati Ukreni.



**Il-BEI qed jipprovdi self ta' €15-il miljun lil Spindiag GmbH, sabiex jiffinanzja l-iżvilupp tal-pjattaforma tal-ittestjar dijanjostiku bbażata fuq il-PCR tal-kumpanija li twaqqfet riċentament u li se tintuża fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa.**

# COVID-19

Il-BEI kien fuq quddiem nett fir-rispons globali tal-Unjoni Ewropea għall-pandemija tal-COVID-19 u ngħaqad ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal biex tittieħed azzjoni immedjata.

Bl-appoġġ ta' emerġenza mill-Grupp tal-BEI, intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u negozji ġodda innovattivi setgħu jinvestu minkejja inċertezza estrema. Nistennew li nimmobilizzaw €200 biljun ta' finanzjament għall-Fond Ewropew ta' Garanzija tagħna, fejn nappoġġjaw lil kumpaniji vijabbli li kienu qegħdin ibatu minħabba l-pandemija.

Il-BEI għen jiffinanzja wkoll l-iżvilupp u l-akkwist ta' vaċċini tal-COVID-19, soluzzjonijiet biex jiġi llimitat it-tixrid tal-virus u proġetti oħrajn tas-saħħa pubblika relatati mal-kriżi tal-COVID-19.

**Matul il-pandemija, il-BEI ffinanzja negozju ġdid Taljan Eggtronic, li vvinta konvertitur tal-elettriku li jiffranka l-enerġija. Minħabba l-effiċjenza enerġetika għolja tagħhom, il-konvertituri ta' Eggtronic għandhom impronta tal-karbonju ferm iżgħar minn dik ta' apparati simili.**



# IL-KLIMA U L-ENERĠIJA

It-tibdil fil-klima huwa l-isfida globali ewlenija tal-ġenerazzjoni tagħna. Il-kisba tal-miri klimatiċi se tiddetermina l-benesseri ta' wliedna. L-għanijiet tal-klima u tal-enerġija tal-BEI qed jissettjaw standards ġodda fl-Ewropa u lil hinn minnha. M'għadniex nappoġġjaw aktar proġetti tal-fjuwils fossili u se niddedikaw 50% tal-investimenti tagħna għall-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà sal-2025.

L-aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna tefgħet lill-Ewropa fi kriżi tal-enerġija, u għamlet il-bżonn għal azzjoni aktar urġenti minn qabel. L-invażjoni fakkritna dwar l-importanza li nissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tagħna — l-enerġija hija kwistjoni ta' sigurtà u d-dekarbonizzazzjoni hija kwistjoni ta' awtonomija strateġika.

L-attivitajiet tal-BEI aċċelleraw it-tkabbir ekoloġiku u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji. Aħna nappoġġjaw l-effiċjenza fl-enerġija u l-proġetti ta' enerġija rinnovabbli, li jgħinu biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija tagħna. L-azzjonijiet kollha tagħna jikkontribwixxu għal tkabbir soċjali u ekonomiku sostenibbli.

L-investimenti tal-BEI jindirizzaw ukoll l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq komunitajiet vulnerabbli, fejn jipproteġu l-bijodiversità u jippromwovu l-biedja sostenibbli. Nippreżervaw ukoll ir-riżorsi naturali u qed nagħmlu l-ambjent post sigur għall-ġenerazzjonijiet futuri. Kull proġett li l-BEI jappoġġja, sew jekk huwa għall-innovazzjoni, in-negozji ż-żgħar jew l-infrastruttura, irid ikun allinjat mal-għanijiet klimatiċi tagħna.



**Il-BEI appoġġja lil Anaconda, kumpanija pijuniera Spanjola li żviluppat trattament kosteffettiv li jgħin lit-tobba jsalvaw il-ħajjiet u jnaqqas id-diżabbiltà wara attakk ta' puplesija.**

# INNOVAZZJONI

L-innovazzjoni żżomm lill-Ewropa kompetittiva u toħloq impjiegi b'valur għoli. Il-BEI jappoġġja bosta stadji tal-innovazzjoni, billi jappoġġja l-ideat li jtejbu l-istandards tal-għajxien.

Aħna nappoġġjaw ir-riċerka u l-iżvilupp fuq skala kbira kif ukoll lil ditti speċjalizzati żgħar. L-investimenti tagħna f'setturi bħat-telekomunikazzjoni, l-avjazzjoni, il-mediċina u d-diġitalizzazzjoni huma siġill ta' approvazzjoni li jattiraw finanzjament addizzjonali mis-settur privat lejn dawk il-proġetti. Permezz tal-Grupp tal-BEI, il-kumpaniji Ewropej joħolqu u jiżviluppaw teknoloġiji tal-ogħla livell.

Bis-saħħa ta' self mill-BEI, l-universitajiet jistgħu jibnu u jespandu l-faċilitajiet tar-riċerka tagħhom, u kumpaniji fl-istadju tal-bidu jistgħu jżidu l-persunal tagħhom u jtejbu t-tagħmir tagħhom. Bl-appoġġ tal-BEI, ideat mill-aktar avvanzati jsiru negozji li jirnexxu.



**Il-BEI huwa s-sellief ewlieni għal negozji żgħar fil-Balkani tal-Punent, fejn jgħin kważi 30 000 kumpanija u jsostni nofs miljun impjieg. B'riżultat tal-ħidma tagħna, aktar minn 1 800 skola fis-Serbja għandhom konnessjonijiet tal-internet aktar veloċi u tagħmir diġitali aħjar, u b'hekk l-għalliema jistgħu joffru apprendiment mill-bogħod lill-istudenti f'darhom waqt il-pandemija.**

# INKLUŻJONI

Il-BEI jagħti s-setgħa lin-negozji żgħar u liż-żgħażagħ u jappoġġja lill-intraprendituri nisa billi jagħtihom aċċess għal self u kkowċjar. Aħna nagħmluha possibbli għal nies bi dħul baxx, għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-mikrointrapriżi biex jiksbu finanzjament u konsulenza dwar in-negozju sabiex il-proġetti tagħhom jirnexxu.

Normalment, aħna ma nsellfux aktar minn nofs l-ispiża ta' proġett. L-involviment tal-BEI huwa mfassal biex jaġixxi bħala katalist sabiex is-settur privat ikun aktar involut, biex jiżdied l-investiment fi proġett.



# SOSTENIBBILTÀ

Il-BEI jiġbor il-flus billi joħroġ bonds fuq is-swieq kapitali internazzjonali. Minħabba l-klassifikazzjoni ta' kreditu eċċellenti tagħna nistgħu niġbru fondi b'termini favorevoli u dawn il-benefiċċji ngħadduhom lill-klijenti.

L-esperti tas-swieq kapitali tal-BEI ħolqu u żviluppaw is-suq tal-bonds ekoloġiċi u tas-sostenibbiltà. Aħna l-akbar emittent sovranazzjonali ta' bonds ekoloġiċi, li jappoġġjaw l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, l-ilma nadif u s-sanità.


Orange Money
5 000 F
TRANSFERT
DE CREDIT
E. RECHARGE
100 F
Orange Money
100 F

**Negozji żgħar fil-Kongo rċevew self mill-BEI matul il-pandemija b'rata tal-imgħax ġusta, minflok ir-rati tal-imgħax għoljin ħafna ta' selliefa informali, biex għenu lil dawn in-negozji u l-komunitajiet tagħhom.**

# BEI GLOBALI

BEI Globali, il-fergħa tal-iżvilupp tal-BEI, ġiet maħluqa fl-2022 biex iżżid l-impatt tal-finanzjament tal-iżvilupp tagħna. Il-BEI investa aktar minn €70 biljun barra l-Unjoni Ewropea matul id-deċennju li għadda (2012-2022), fejn immobilizza biljuni f'investiment kull sena mis-settur privat. BEI Globali tamplifika l-impatt tal-BEI billi tersaq aktar fil-qrib tal-komunitajiet lokali, il-kumpaniji u l-istituzzjonijiet madwar id-dinja.

Il-BEI se jestendi l-appoġġ tiegħu għall-istituzzjonijiet lokali ta' mikrofinanzjament f'reġjuni fejn in-nies sikwit ma għandhom l-ebda aċċess għall-banek. Fejn in-nies jistgħu jiksbu kreditu, in-negozji jimpjegaw aktar ħaddiema, in-nisa jsiru indipendenti, l-ispostament jitnaqqas u l-unitajiet domestiċi jistgħu jaħdmu biex ma jibqgħux jgħixu fil-faqar.

Se nżidu d-disponibbiltà tal-kompetenza esperta tal-BEI fis-settur fil-livell lokali, naqsmu l-għarfien u l-esperjenza tagħna mal-imsieħba lokali. Nipprovdu konsulenza indipendenti, fejn nibnu fuq l-esperjenza miksuba minn ħidma f'firxa wiesgħa ta' pajjiżi u setturi. Dawn is-servizzi ta' konsulenza jistgħu jakkumpanjaw il-prodotti finanzjarji tal-BEI, iżda jistgħu jiġu offruti wkoll b'mod indipendenti minn kwalunkwe finanzjament.


PEG

It-tibdil fil-klima, il-pandemija tal-COVID-19 u kriżijiet oħrajn jeħtieġu li l-biljuni li ninvestu mal-banek imsieħba internazzjonali u nazzjonali tagħna jissarfu fi triljuni permezz ta' sħubiji ġodda u l-ħidma kontinwa ma' istituzzjonijiet finanzjarji globali. B'mod aktar importanti, l-involviment tal-BEI jħeġġeġ l-involviment tas-settur privat, li jattira investiment ġdid.

Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeħtieġu aktar minn €2 triljun f'investiment annwali addizzjonali waħedhom biex jiksbu l-għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-ambizzjonijiet tal-Ftehim ta' Pariġi għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima.

Bħala l-bank tal-UE għall-klima, il-BEI qed jaħdem biex jappoġġja l-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea biex jiġi żgurat li l-politiki tagħha dwar il-klima, l-enerġija, it-trasport u t-tassazzjoni jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'tal-inqas 55% sal-2030 (meta mqabbel mal-livelli tal-1990). L-Unjoni Ewropea, madankollu, hija responsabbli biss għal 10% tal-emissjonijiet globali, għalhekk BEI Globali se tgħin biex testendi l-isforzi tad-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa lil hinn mill-fruntieri tagħha, b'appoġġ għall-Patt Ekoloġiku Globali.

BEI Globali hija alleata ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea fil-programm tagħha ta' €300 biljun Global Gateway biex jiġu appoġġjati proġetti li jtejbu l-konnettività globali u reġjonali fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni, tal-klima, tat-trasport, tas-saħħa, tal-enerġija u tal-edukazzjoni. It-tislif għall-iżvilupp u l-isħubiji finanzjarji jaċċelleraw it-tkabbir, iwasslu biex ikun hemm aktar prosperità fiż-żoni rurali, jippermettu lill-bliet ikunu aktar innovattivi, u jsaħħu l-ekonomiji.

Il-ħidma ta' BEI Globali tappoġġja pajjiżi li qed jippruvaw itejbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u jagħtu s-setgħa lin-nisa fil-post tax-xogħol billi jkun hemm involviment attiv ma' negozji mmexxija minn nisa. Aħna ngħinu lil miljuni ta' persuni li m'għandhomx aċċess għal ilma nadif, elettriku, vaċċini, kura tas-saħħa tajba u sistemi adegwati għat-trattament tal-iskart.



# L-IMPENN TAGĦNA

Il-Bank Ewropew għall-Investiment huwa responsabbli lejn iċ-ċittadini tal-UE. Il-Bank jappoġġja proġetti li jippromwovu l-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-klima u s-sostenibbilità ambjentali, l-innovazzjoni u l-ħiliet, l-infrastruttura, l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, il-koeżjoni u l-iżvilupp. Il-BEI jiżgura li l-proġetti kollha li jappoġġja — kemm jekk ikunu fis-settur tal-enerġija, tat-trasport, tal-industrija jew tal-agrikultura — huma allinjati mal-miri tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-persunal tagħna jikkonsisti f'ekonomisti, inġiniera, analisti finanzjarji u speċjalisti dwar il-klima li jaħdmu ta' kuljum ma' esperti lokali, istituzzjonijiet u gvernijiet madwar id-dinja.



Il-Grupp tal-BEI jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

Il-BEI huwa l-bank tal-Unjoni Ewropea. Huwa l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja. Ibbażat fil-Lussemburgu, il-Bank għandu network kbir ta' uffiċċji lokali u reġjonali fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Il-FEI jappoġġja n-negozji ż-żgħar billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament fl-Ewropa u f'għadd ta' pajjiżi barra mill-Ewropa. Il-FEI ifassal u jiżviluppa kapital ta' riskju u tkabbir, garanziji u strumenti ta' mikrofinanzjament għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-impjiegi.

BEI Globali hija l-fergħa tal-iżvilupp internazzjonali tal-BEI. Imwaqqfa fl-2022, BEI Globali tkompli bl-impenn tul id-deċenji tal-BEI biex tiffinanzja l-iżvilupp, l-azzjoni klimatika, l-innovazzjoni u sostenibbiltà madwar id-dinja.

02/2023 MT pdf: ISBN 978-92-861-5485-0